Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-23 ta' April 2020[1]

**Kawża C-73/19**

**Belgische Staat, irrappreżentat mill-Minister van Werk, Economie en Consumenten, responsabbli mill-Buitenlandse handel,**
**Belgische Staat, irrappreżentat mid-Directeur-Generaal van de Algemene Directie Economische Inspectie,**
**Directeur-Generaal van de Algemene Directie Economische Inspectie**
**vs**
**Movic BV,**
**Events Belgium BV,**
**Leisure Tickets & Activities International BV**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-hof van beroep te Antwerpen (il-Qorti tal-Appell ta' Antwerpen, il-Belġju))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Kunċett ta' materji ċivili u kummerċjali – Azzjoni għal inġunzjoni ppreżentata minn awtorità pubblika bl-għan tal-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi"

## I. Daħla

1. Fis-sentenza tagħha tal-1 ta' Ottubru 2002, Henkel[2], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li kawża li fil-kuntest tagħha tiġi ppreżentata azzjoni għal inġunzjoni tal-użu ta' klawżoli inġusti minn assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumaturi, taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-maġġoranza tal-istrumenti tad-dritt internazzjonali privat tal-Unjoni. Permezz tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddetermina jekk kawża li fil-kuntest tagħha l-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru jippreżentaw azzjoni intiża għal prattiki tas-suq u/jew prattiki kummerċjali żleali, taqax ukoll taħt dan il-kunċett.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 C-167/00, EU:C:2002:555, punt 30.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

2. Skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012[3], dan "japplika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali independentament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal. Huwa m'għandux jestendi, b'mod partikolari, għal kwistjonijiet ta' dħul, dawk doganali jew amministrattivi jew għar-responsabbiltà tal-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċitar tal-awtorità tal-Istat (acta iure imperii)".

### *B. Id-dritt Belġjan*

#### *1. Il-Liġi tat-30 ta' Lulju 2013*

3. L-Artikolu 5(1) tal-loi du 30 juillet 2013 relative à la revente de titres d'accès à des événements (il-Liġi tat-30 ta' Lulju 2013 dwar il-bejgħ mill-ġdid ta' titoli ta' aċċess għal avvenimenti (Moniteur belge tas-6 ta' Settembru 2013, p. 63069, iktar 'il quddiem il-"Liġi tat-30 ta' Lulju 2013") jipprojbixxi l-bejgħ mill-ġdid b'mod abitwali ta' titoli ta' aċċess, il-fatt li jiġu esposti għall-bejgħ mill-ġdid b'mod abitwali kif ukoll il-fatt li jiġu pprovduti l-mezzi li ser jintużaw għall-bejgħ mill-ġdid b'mod abitwali. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(2) ta' din il-liġi jipprojbixxi l-bejgħ mill-ġdid b'mod okkażjonali ta' titoli ta' aċċess għal prezz ogħla mill-prezz definittiv tagħhom.

4. Skont l-Artikolu 14 tal-imsemmija liġi, il-President tat-tribunal de commerce (il-Qorti tal-Kummerċ) jikkonstata l-eżistenza ta' att li jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 5 ta' din l-istess liġi u jordna l-waqfien tiegħu. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li azzjoni għal inġunzjoni għandha tiġi ppreżentata fuq talba tal-Ministru jew tad-Direttur Ġenerali tad-direction générale du contrôle et de la médiation du *Service public fédéral de l'économie*,(petites et moyennes entreprises), des classes moyennes et de l'énergie (id-Direttorat Ġenerali għall-Kontroll u għall-Medjazzjoni tal-Ekonomija tas-SPF, tal-SMEs, tal-Klassijiet Medji u tal-Enerġija) jew tal-persuni kkonċernati.

#### *2. Il-kodiċi tad-Dritt Ekonomiku*

5. Il-Ktieb VI tal-code de droit économique (il-Kodiċi tad-Dritt Ekonomiku) tat-28 ta' Frar 2013 (fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali, iktar 'il quddiem iċ-"CDE") fih, fit-Titolu 4 tiegħu, Kapitolu 1, dwar il-"Prattiki Kummerċjali Żleali fil-konfront tal-konsumaturi", li l-Artikoli VI.92 sa VI.100 tiegħu jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE[4]. F'dan il-kuntest, b'mod partikolari l-Artikoli VI.100, VI.97, VI.99 u VI.93 ta' dan il-kodiċi jiddefinixxu prattiki kummerċjali żleali.

6. Skont l-Artikolu XVII.1 taċ-CDE, il-President tat-tribunal de commerce (il-Qorti tal-Kummerċ) jikkonstata l-eżistenza ta' att, anki kriminalment issanzjonat, li jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-kodiċi, bla ħsara għal ċerti azzjonijiet partikolari, u jordna l-waqfien tiegħu. L-Artikolu XVII.7 taċ-CDE jipprevedi li l-azzjoni bbażata fuq l-Artikolu XVII.1 ta' dan il-kodiċi għandha tiġi ppreżentata fuq talba, b'mod partikolari, tal-persuni kkonċernati, tal-Ministru jew tad-Direttur Ġenerali tad-*Direction générale du contrôle et de la médiation, du Service public fédéral*

3 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU-2012, L 351, p. 1).

4 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi") (ĠU 2005, L 149, p. 22, rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 86).

*de l'économie, des classes moyennes et de l'énergie*, (id-Direttorat Ġenerali għall-Kontroll u għall-Medjazzjoni tal-Ekonomija tas-Servizz Pubbliku Federali, tal-SMEs, tal-Klassijiet Medji u tal-Enerġija) u ta' assoċjazzjoni li l-għan tagħha huwa li tiddefendi l-interessi tal-konsumaturi, meta din taġixxi quddiem qorti sabiex tiddefendi l-interessi kollettivi tagħhom iddefiniti b'mod statutorju.

## III. Il-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

7. Fl-2016, l-awtoritajiet Belġjani bdew żewġ azzjonijiet għal inġunzjoni provviżorji kontra l-konvenuti, Movic BV, Events Belgium BV, Leisure Tickets & Activities International BV, kumpanniji rregolati mid-dritt Olandiż.

8. Dawn l-azzjonijiet kienu intiżi,

– fl-ewwel lok, sabiex jiġi kkonstatat li l-konvenuti kienu joffru għall-bejgħ mill-ġdid, fil-Belġju, permezz ta' siti internet amministrati minnhom, titoli ta' aċċess għal avvenimenti bi prezz ogħla minn dak imsemmi mill-bejjiegħ inizjali, filwaqt li jħassru l-prezz inizjali u l-isem tal-bejjiegħ inizjali, u li dawn l-atti kienu jikkostitwixxu ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4(1), 5(1) u 5(2) tal-Liġi tat-30 ta' Lulju 2013 u tal-Artikoli VI.100, VI.97, VI.99 u VI.93 taċ-CDE, jekk ikun il-każ moqrija flimkien mal-Artikoli 193b sa l93g tal-Ktieb 6 tan-Nederlands Burgerlijk Wetboek (il-Kodiċi Ċivili Olandiż)

– fit-tieni lok, sabiex jiġi ordnat il-waqfien ta' dan il-ksur;

– fit-tielet lok, sabiex jiġu ordnati miżuri ta' pubblikazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija, għall-ispejjeż tal-kumpanniji rregolati mid-dritt Olandiż;

– fir-raba' lok, sabiex jiġu imposti pagamenti ta' penalità ta' EUR 10 000 għal kull ksur ikkonstatat min-notifika tas-sentenza u, fl-aħħar nett,

– fil-ħames lok, sabiex jiġi deċiż li l-ksur jista' jiġi kkonstatat permezz ta' sempliċi proċess verbali redatt minn uffiċjal li ħa l-ġurament tad-direction générale de l'Inspection économique (id-Direttorat Ġenerali tal-Ispettorat Ekonomiku) konformement mal-Artikoli XV.2 *et seq.* taċ-CDE.

9. Il-konvenuti qajmu eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Belġjani, billi sostnew li l-awtoritajiet Belġjani kienu aġixxew fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, b'tali mod li dawn l-azzjonijiet ma kinux jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012. Din l-eċċezzjoni ntlaqgħet fl-ewwel istanza.

10. Ir-rikorrenti ppreżentaw appell quddiem il-hof van beroep te Antwerpen (il-Qorti tal-Appell ta' Antwerpen, il-Belġju). Huwa f'dan il-kuntest li din il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Proċedura ġudizzjarja dwar azzjoni intiża għall-konstatazzjoni u għat-twaqqif tal-prattiki tas-suq jew tal-prattiki kummerċjali illegali fil-konfront tal-konsumaturi, mibdija mill-awtoritajiet Belġjani skont l-Artikolu 14 tal-[Liġi tat-30 ta' Lulju 2013] fir-rigward tal-bejgħ mill-ġdid tat-titoli ta' aċċess għal avvenimenti u abbażi tal-Artikolu XVII.7 [taċ-CDE], kontra kumpanniji tal-Pajjiżi l-Baxxi li, mill-Pajjiżi l-Baxxi, permezz ta' siti tal-internet jindirizzaw lil klijentela prinċipalment Belġjana fid-dawl tal-bejgħ mill-ġdid ta' biljetti għal avvenimenti li jseħħu fil-Belġju, għandha titqies li hija proċedura dwar kwistjoni ċivili u kummerċjali fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament [Nru 1215/2012] u sentenza mogħtija f'tali proċedura tista' għal din ir-raġuni tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament?"

11. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-konvenuti, mill-Gvern Belġjan kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. L-istess partijiet ikkonċernati ġew irrappreżentati fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020.

## IV. Analiżi

12. Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk taqax taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, kawża bejn l-awtoritajiet ta' Stat Membru u entitajiet irregolati mid-dritt privat stabbiliti fi Stat Membru ieħor li fil-kuntest tagħha dawn l-awtoritajiet jitolbu li, l-ewwel nett, tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' ksur li jikkostitwixxu b'mod partikolari prattiki kummerċjali żleali, it-tieni nett, jiġi ordnat il-waqfien tagħhom, it-tielet nett, jiġu ordnati miżuri ta' pubblikazzjoni għall-ispejjeż tal-konvenuti, ir-raba' nett, jiġu imposti pagamenti ta' penalità ta' ammont speċifikat għal kull ksur ikkonstatat min-notifika tas-sentenza u, il-ħames nett, jiġi deċiż li l-ksur jista' jiġi kkonstatat permezz ta' sempliċi proċess verbali redatt minn uffiċjal li ħa l-ġurament ta' waħda mill-imsemmija awtoritajiet.

13. Minkejja li jidher li dawn l-azzjonijiet kultant ikunu intiżi jew għal prattiki tas-suq, jew inkella għal prattiki kummerċjali żleali, il-qorti tar-rinviju ma tispjegax kif dawn il-prattiki huma marbuta bejniethom. Waqt is-seduta, il-Gvern Belġjan u waħda mill-konvenuti indikaw li l-Liġi tat-30 ta' Lulju 2013 tikkostitwixxi *lex specialis* fir-rigward taċ-CDE. Minn dan nidderduċi li, fl-assenza ta' din il-*lex specialis*, kull ksur jikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali. Barra minn hekk, jidher li dawn l-atti leġiżlattivi għandhom l-istess għan, jiġifieri l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi, u jsegwu loġika analoga.

14. Iktar minn hekk, ċertament, il-formulazzjoni tad-domanda preliminari tista' tagħti x'wieħed jifhem li l-qorti tar-rinviju tistaqsi biss dwar it-talbiet li jirrigwardaw il-konstatazzjoni tal-eżistenza tal-ksur u l-fatt li jiġi ordnat il-waqfien tiegħu. Madankollu, il-qorti tar-rinviju, sabiex tkun tista' tirrikonoxxi li għandha ġurisdizzjoni taħt wieħed mill-kapijiet ta' ġurisdizzjoni previsti mir-Regolament Nru 1215/2012 sabiex tieħu konjizzjoni tal-kawża prinċipali [5], għandha tistabbilixxi li l-ebda wieħed mill-kapijiet ta' talba mressqa mill-awtoritajiet Belġjani ma jista' jeskludi din il-kawża, kompletament jew parzjalment, mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' dan ir-regolament.

15. Barra minn hekk, mill-formulazzjoni tad-domanda preliminari jirriżulta li l-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk id-deċiżjoni fuq il-mertu, mogħtija fil-kawża prinċipali, tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 1215/2012. Għalkemm jistgħu jitqajmu dubji dwar jekk ir-risposta għal din id-domanda hijiex neċessarja għad-deċiżjoni li din il-qorti ser tagħti fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni internazzjonali, għandu jiġi rrilevat li d-deċiżjoni fuq il-mertu ser tirrigwarda l-kapijiet ta' talba kollha mressqa quddiem l-imsemmija qorti.

16. Mit-talba għal deċiżjoni preliminari u mill-osservazzjonijiet tal-partijiet jirriżulta li għad hemm dubju fundamentali dwar jekk l-eżerċizzju tal-kompetenza li għandha awtorità pubblika sabiex tippreżenta azzjoni intiża sabiex ittemm il-ksur tal-Liġi tat-30 ta' Lulju 2013 u tad-dispożizzjonijiet tal-Ktieb VI taċ-CDE jikkostitwixxix att imwettaq fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. F'dan il-kuntest, il-punti li ġejjin huma s-suġġett tad-dibattitu: l-ewwel nett, għall-kuntrarju ta' kull persuna oħra,

5 Għandi nosserva wkoll li l-qorti tar-rinviju ma tiddikjarax b'mod espliċitu liema kap ta' ġurisdizzjoni previst mir-Regolament Nru 1215/2012 l-awtoritajiet Belġjani jixtiequ jinvokaw fil-kawża prinċipali. Waqt is-seduta, huma ppreċiżaw li l-qorti tar-rinviju kienet ġiet adita skont l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-regolament, jiġifieri bħala qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji ta' delitt jew kważi delitt fil-post fejn seħħ jew jista' jseħħ il-fatt dannuż. B'kunsiderazzjoni ta' dan, din il-preċiżazzjoni ma tistax tikklassifika r-risposta li għandha tingħata għal din id-domanda preliminari. Kif diġà kelli l-okkażjoni nosserva f'kuntest differenti, il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 1215/2012, iddefinit mill-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, huwa l-istess fir-rigward tal-kapijiet ta' ġurisdizzjoni kollha previsti mill-imsemmi regolament. Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Rina (C-641/18, EU:C:2020:3, punt 23).

l-awtoritajiet Belġjani ma humiex obbligati juru li huma għandhom interess proprju sabiex jibdew kawża bħal dik fil-kawża prinċipali, it-tieni nett, il-kompetenzi ta' investigazzjoni li għandhom dawn l-awtoritajiet ma humiex disponibbli għal persuni rregolati mid-dritt privat u, it-tielet nett, l-imsemmija awtoritajiet għandhom tali kompetenzi anki fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni.

17. Sabiex nirrispondi għad-domanda preliminari, ser infakkar, qabel kollox, il-ġurisprudenza rilevanti fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 (Titolu A). Sussegwentement ser nanalizza, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, l-aspetti diskussi mill-partijiet u l-effett tagħhom fuq ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda preliminari, jiġifieri dawk relatati mal-interess li fih taġixxi awtorità pubblika (Titolu B), mal-kompetenzi ta' investigazzjoni li għandha din l-awtorità (Titolu C) u mal-kompetenzi tal-imsemmija awtorità fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni (Titolu D).

## *A. Materji ċivili u kummerċjali*

18. Skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1215/2012, dan ir-regolament japplika f'materji ċivili u kummerċjali (l-ewwel sentenza) u, min-naħa l-oħra, la japplika għal materji fiskali, doganali jew amministrattivi u lanqas għar-responsabbiltà tal-Istat għal atti mwettqa *jure imperii* (it-tieni sentenza).

19. Il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" jiddefinixxi għalhekk il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 1215/2012 b'kuntrast mal-kunċetti relatati mad-dritt pubbliku. Id-distinzjoni bejn il-kawżi li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" u dawk li ma jaqgħux taħtu hija bbażata fuq il-fatt li hija l-manifestazzjoni ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika minn waħda mill-partijiet fil-kawża li teskludi tali kawża minn dan il-kamp ta' applikazzjoni [6].

20. F'din il-linja ta' ħsieb, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament li għalkemm ċerti kawżi bejn awtorità pubblika u persuna rregolata mid-dritt privat jistgħu jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012, tkun ħaġa oħra meta l-awtorità pubblika taġixxi fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika [7].

21. Sabiex jiġi ddeterminat jekk dan huwiex il-każ, hemm lok li jiġu eżaminati l-elementi li jikkaratterizzaw in-natura tar-relazzjonijiet legali bejn il-partijiet fil-kawża jew is-suġġett tagħha [8] jew, alternattivament, kif jirriżulta minn ċerti sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja [9], il-bażi u l-modalitajiet ta' eżerċizzju tal-azzjoni mibdija fil-kuntest ta' din il-kawża.

22. Ir-rikors għall-prerogattivi ta' awtorità pubblika, li jista'jeskludi kawża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012, jista' jseħħ, minn naħa, fil-kuntest tar-relazzjoni legali eżistenti bejn awtorità u persuna rregolata mid-dritt privat, li minnha toriġina din il-kawża, jew, min-naħa l-oħra, fil-kuntest proċedurali stabbilit sabiex tittieħed konjizzjoni tal-imsemmija kawża [10].

23. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kjarifiki ġurisprudenzjali li, b'kunsiderazzjoni tal-aspetti prinċipali tad-dibattitu bejn il-partijiet, hemm lok li jiġi ddeterminat jekk il-kawża prinċipali taqax taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali".

6 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Rina (C-641/18, EU:C:2020:3, punt 59).

7 Ara s-sentenzi tal-11 ta' April 2013, Sapir *et* (C-645/11, EU:C:2013:228, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-12 ta' Settembru 2013, Sunico *et* (C-49/12, EU:C:2013:545, punt 34).

8 Ara s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2011, Realchemie Nederland (C-406/09, EU:C:2011:668, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

9 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Siemens Aktiengesellschaft Österreich (C-102/15, EU:C:2016:607, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 F'dan ir-rigward, id-duttrina tosserva li l-kriterju dwar is-suġġett tal-kawża kif ukoll dak dwar il-bażi u l-modalitajiet tal-eżerċizzju tal-azzjoni bħala prinċipju ma jidhirx, fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jsib applikazzjonijiet li jeskludu kawża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012. Ara Van Calster, G., *European Private International Law*, Hart Publishing, Oxford, Portland, 2016, p. 38.

### *B. Fuq l-interess li fih taġixxi awtorità pubblika*

24. L-għan tad-dibattitu bejn il-partijiet jirrigwarda b'mod partikolari l-punt dwar jekk, minħabba partikolaritajiet tal-interess li fih jaġixxu l-awtoritajiet Belġjani, taqax taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" l-kawża li fiha dawn l-awtoritajiet jitolbu li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' prattiki tas-suq u/jew ta' prattiki kummerċjali żleali, u li jiġi ordnat il-waqfien ta' dawn il-prattiki.

25. Fil-fatt, fir-rigward tal-konvenuti, huma jsostnu li l-awtoritajiet Belġjani jippreżentaw azzjonijiet għal inġunzjoni għad-difiża tal-interess ġenerali. Għal dan il-għan, dawn l-awtoritajiet għandhom prerogattivi mogħtija direttament mil-leġiżlatur nazzjonali u għalhekk jaġixxu taħt l-awtorità pubblika. Għall-kuntrarju ta' kull persuna oħra li tixtieq tibda azzjoni għal inġunzjoni skont l-Artikolu 14 tal-Liġi tat-30 ta' Lulju 2013 u l-Artikolu XVII.7 taċ-CDE, l-awtoritajiet Belġjani ma humiex marbuta juru li huma għandhom interess proprju.

26. Il-Gvern Belġjan jammetti li l-awtoritajiet Belġjani jiddefendu interess ġenerali. Madankollu, huwa jippreċiża li dan l-interess jikkonsisti fl-osservazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-prattiki kummerċjali, li hija intiża sabiex tipproteġi l-interessi privati kemm tal-imprendituri kif ukoll tal-konsumaturi.

27. Għalhekk, hemm lok li jiġi ddeterminat jekk kawża hijiex eskluża mill-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" minħabba l-fatt, l-ewwel nett, li din il-kawża hija mibdija minn awtorità pubblika li tiddefendi interess ġenerali, it-tieni nett, li l-leġiżlatur speċifikament ta s-setgħa lil din l-awtorità sabiex tibda l-imsemmija kawża u, it-tielet nett, li kull persuna oħra li tixtieq tibda tali kawża għandu jkollha interess proprju.

#### *1. L-eżerċizzju ta' funzjoni pubblika fl-interess ġenerali*

28. Fis-sentenza Pula Parking [11], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li kawża dwar il-ġbir, minn kumpannija li hija l-proprjetà ta' kollettività territorjali, tal-ħlas għall-ipparkjar li tat lok għar-rinviju għal deċiżjoni preliminari taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", minkejja li t-tmexxija tal-ipparkjar pubbliku u l-ġbir ta' dan il-ħlas jikkostitwixxu, kif jirriżulta minn din is-sentenza, funzjoni ta' interess lokali.

29. Għalhekk, din is-sentenza turi l-fatt li "aġir f'interess paragunabbli mal-interess ġenerali jew pubbliku" ma jfissirx awtomatikament"aġir fl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika" fis-sens tal-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 [12].

#### *2. Il-prerogattivi mogħtija direttament minn att leġiżlattiv*

30. Waħda mill-konvenuti tidher li tifhem il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li tista' ssir distinzjoni bejn żewġ xenarji li fihom kawża ma taqax taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali". Minn naħa, meta awtorità tagħmel użu minn setgħat eżorbitanti meta mqabbla mar-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi u, min-naħa l-oħra, kif juru s-sentenzi Baten [13] u Blijdenstein [14], meta l-kompetenzi ta' awtorità jkunu bbażati fuq dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-leġiżlatur taha speċifikament prerogattiva proprja. Għalhekk, jidher li din il-konvenuta tafferma li, jekk l-awtoritajiet Belġjani jintervjenu biss minħabba li huma indikati sabiex jagħmlu dan mil-leġiżlatur, huma jaġixxu, konsegwentement, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-prerogattivi ta' awtorità pubblika.

11 Ara s-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017 (C-551/15, EU:C:2017:193, punt 35).

12 Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Rina (C-641/18, EU:C:2020:3, punt 79).

13 Sentenza tal-14 ta' Novembru 2002 (C-271/00, EU:C:2002:656).

14 Sentenza tal-15 ta' Jannar 2004 (C-433/01, EU:C:2004:21).

31. Madankollu, fis-sentenza tagħha Pula Parking[15], il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li s-sempliċi fatt li ċerti setgħat jingħataw, jew saħansitra huma ddelegati, permezz ta' att ta' awtorità pubblika, ma jimplikax li l-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat jeħtieġ ir-rikors għall-prerogattivi ta' awtorità pubblika. F'din il-linja ta' ħsieb, minkejja li l-kwalità ta' uffiċjal hija attribwita permezz ta' att ta' awtorità pubblika, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fis-sentenza Sonntag[16], li l-fatt li għalliem ta' skola pubblika jkollu l-istatus ta' uffiċjal u jaġixxi bħala tali ma jistax ikun determinanti sabiex jiġi kkunsidrat li azzjoni għall-kumpens għad-danni ppreżentata kontra dan l-għalliem ma taqax taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali".

32. F'dak li jirrigwarda, b'mod iktar speċifiku, is-sors leġiżlattiv ta' setgħa eżerċitata minn awtorità pubblika fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007[17], li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu wkoll permezz tal-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, fis-sentenza Fahnenbrock *et*[18], li l-fatt li setgħa ġiet introdotta permezz ta' liġi ma huwiex determinanti fih innifsu sabiex jiġi konkluż li dan l-Istat eżerċita l-awtorità pubblika. Din il-kunsiderazzjoni ma tqajmitx f'dubju fis-sentenza Kuhn[19], li tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" fil-kuntest tar-Regolament Nru 1215/2012. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja, li kkonkludiet li l-kawża ma kinitx taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", ma llimitatx ruħha li tikkonstata li Stat kien eżerċita setgħa direttament mogħtija mil-liġi nazzjonali iżda eżaminat il-pożizzjoni li kien jinsab fiha dan l-Istat fil-konfront ta' individwi minħabba l-eżerċizzju ta' din is-setgħa[20].

33. Barra minn hekk, huwa inkontestabbli li, fis-sentenzi Baten[21] u Blijdenstein[22], iċċitati minn waħda mill-konvenuti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, peress li azzjoni hija bbażata fuq dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-leġiżlatur ta lill-organu pubbliku prerogattiva proprja, din l-azzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" fis-sens tal-ġurisprudenza dwar il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali".

34. Madankollu, minn dawn iż-żewġ sentenzi ma jirriżultax li s-sempliċi fatt li tiġi eżerċitata setgħa jew kompetenza li l-leġiżlatur speċifikament ta lil awtorità pubblika jimplika awtomatikament ir-rikors għall-prerogattivi ta' awtorità pubblika. Fl-imsemmija sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-azzjonijiet ikkonċernati kienu jaqgħu taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", minkejja li l-awtoritajiet invokaw id-drittijiet ta' azzjoni li huma kienu ngħataw direttament mil-leġiżlatur fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet intiżi biss għall-awtoritajiet pubbliċi[23]. L-element deċiżiv sabiex jitqies li dawn l-azzjonijiet partikolari kienu jaqgħu taħt dan il-kunċett kien il-fatt li, b'riferiment għar-regoli tad-dritt ċivili, dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux iqiegħdu lill-awtoritajiet pubbliċi f'sitwazzjonijiet legali derogatorji mid-dritt komuni. Għaldaqstant, dawn l-awtoritajiet ma kinux jeżerċitaw prerogattivi ta' awtorità pubblika.

15 Ara s-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017 (C-551/15, EU:C:2017:193, punt 35).

16 Ara s-sentenza tal-21 ta' April 1993 (C-172/91, EU:C:1993:144, punt 21).

17 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali ("notifika ta' dokumenti") u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 (ĠU 2007, L 324, p. 79, rettifika fil-ĠU 2015, L 68, p. 91).

18 Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015 (C-226/13, C-245/13 u C-247/13, EU:C:2015:383, punt 56).

19 Sentenza tal-15 ta' Novembru 2018 (C-308/17, EU:C:2018:911).

20 Ara s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2018, Kuhn (C-308/17, EU:C:2018:911, punti 37 u 38).

21 Ara s-sentenza tal-14 ta' Novembru 2002 (C-271/00, EU:C:2002:656, punt 36).

22 Ara s-sentenza tal-15 ta' Jannar 2004 (C-433/01, EU:C:2004:21, punt 20).

23 Ara s-sentenzi tal-14 ta' Novembru 2002, Baten (C-271/00, EU:C:2002:656, punt 32), u tal-15 ta' Jannar 2004, Blijdenstein (C-433/01, EU:C:2004:21, punt 21). Ara wkoll, Briggs, A., *Civil Jurisdiction and Judgments*, Informa law from Routledge,, is-sitt edizzjoni, (Taylor & Francis Group), New York, 2015, p. 61. Fir-rigward tas-sentenza Baten, ara, f'dan is-sens, Toader, C., "La notion de matière civile et commerciale", *Europa als Rechts- und Lebensraum: Liber amicorum für Christian Kohler zum 75. Geburtstag am 18. Juni 2018*, taħt id-direzzjoni ta' Hess, B., Jayme, E., Mansel, H.-P., Verlag Ernst und Werner Gieseking, Bielefeld, 2018, p. 523.

35. Konsegwentement, ma huwiex biżżejjed li jiġi kkonstatat li, konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, awtorità pubblika għandha ċerti setgħat jew kompetenzi li ma jibbenefikawx minnhom kull persuna rregolata mid-dritt privat skont din il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Sabiex l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 tkun eskluża, huwa meħtieġ li din l-awtorità pubblika jkollha prerogattiva ta' awtorità pubblika fis-sens stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha. Ma għandux jintesa, f'dan il-kuntest, li l-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Il-punt dwar jekk l-eżerċizzju ta' setgħa jew ta' kompetenza jikkostitwixxix manifestazzjoni ta' prerogattiva ta' awtorità pubblika ma jistax jiddependi esklużivament mill-eżami tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li għaliha hija suġġetta awtorità pubblika u mill-konstatazzjoni li din il-leġiżlazzjoni tipprevedi differenzi fir-rigward tas-sistema legali applikabbli fir-rigward ta' ċerti persuni [24], minkejja li r-rikors għall-imsemmija leġiżlazzjoni jista' jirriżulta utli sabiex tiġi ddeterminata l-firxa tas-setgħat mogħtija minn din l-awtorità pubblika [25]. Barra minn hekk, ir-rikors għal leġiżlazzjoni waħda huwa ħafna drabi suffiċjenti sabiex jiġi ddeterminat liema setgħat jew kompetenzi huma ġeneralment disponibbli għal persuni rregolati mid-dritt privat.

36. Jibqa' biss li jiġi vverifikat jekk il-fatt li awtorità pubblika hija ddispensata mill-obbligu li turi li hija għandha interess proprju sabiex tippreżenta azzjoni għal inġunzjoni, jikkostitwixxix prerogattiva ta' awtorità pubblika fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

### *3. Id-dispensa milli jintwera l-interess proprju tikkostitwixxi prerogattiva ta' awtorità pubblika?*

37. Skont il-leġiżlazzjoni Belġjana, awtorità pubblika tidher li hija ddispensata mill-obbligu li turi li, permezz ta' azzjoni għal inġunzjoni, din l-awtorità tiddefendi interess jew dritt li huwa tagħha. Min-naħa l-oħra, sabiex ikun jista' jippreżenta tali azzjoni, individwu għandu jkollu l-kwalità ta' "parti interessata" fis-sens tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi tat-30 ta' Lulju 2013 u taċ-CDE.

38. Madankollu, mir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, mill-inqas fir-rigward taċ-CDE, li jimplimenta d-Direttiva 2005/29, azzjoni għal inġunzjoni tista' tiġi ppreżentata wkoll minn gruppi li għandhom personalità ċivili kif ukoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, minn assoċjazzjonijiet li l-għan tagħhom huwa li jiddefendu l-interessi tal-konsumaturi. Tali assoċjazzjoni ma tiddefendix interess jew dritt li huma tagħha. Hija pjuttost taġixxi sabiex tiddefendi l-interessi kollettivi tal-konsumaturi jew tal-interess ġenerali u huwa l-leġiżlatur li jagħtiha l-possibbiltà li tippreżenta azzjoni għal inġunzjoni fuq l-bażi ta' dispożizzjonijiet bħall-Artikolu XVII.7 taċ-CDE.

39. Fir-rigward tal-interess ġuridiku u, konsegwentement, l-aspetti proċedurali ddeterminati mill-interess li fih tiġi ppreżentata azzjoni, bħal-*locus standi* jew l-ammissibbiltà ta' azzjoni, is-sitwazzjoni legali ta' awtorità pubblika hija għalhekk komparabbli ma' dik ta' assoċjazzjoni ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Tali assoċjazzjoni tista' tippreżenta wkoll azzjoni għal inġunzjoni fl-assenza ta' interess li huwa tagħha.

24 Fil-fatt, jekk tali interpretazzjoni tiġi strettament segwita jkollha l-konsegwenza li l-għażliet magħmula mil-leġiżlatur ta' Stat Membru wieħed fir-rigward tal-firxa tas-setgħat ta' awtorità pubblika meta mqabbla ma' dawk li għandhom il-persuni rregolati mid-dritt privat jiddeterminaw l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 1215/2012. Issa, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-klassifikazzjoni ta' setgħa bħala prerogattiva ta' awtorità pubblika skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss ma tistax tiddetermina l-applikabbiltà ta' dan ir-regolament. Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1980, Rüffer (814/79, EU:C:1980:291, punt 11), u tal-21 ta' April 1993, Sonntag (C-172/91, EU:C:1993:144, punti 22 u 25). Barra minn hekk, filwaqt li leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti waħda biss tista' probabbilment tiġi identifikata faċilment fir-rigward tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi, dan ma huwiex il-każ fir-rigward tal-eżami mwettaq għall-ftuħ ta' proċedura sabiex jiġi ddeterminat jekk qorti adita għandhiex ġurisdizzjoni jew le sabiex tiddeċiedi.

25 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Rina (C-641/18, EU:C:2020:3, punt 89 u d-duttrina ċċitata).

40. F'dan il-kuntest, huwa xieraq li jitfakkar li, fis-sentenza Henkel[26], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sens li kawża li fil-kuntest tagħha assoċjazzjoni tippreżenta azzjoni ta' interess kollettiv f'isem konsumaturi, taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", minħabba li din l-azzjoni bl-ebda mod ma tikkonċerna l-eżerċizzju ta' setgħat eżorbitanti meta mqabbla mar-regoli tad-dritt komuni applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi.

41. Wieħed jista' jargumenta li l-kawża li wasslet għas-sentenza Henkel[27] kienet tikkonċerna azzjoni għal inġunzjoni tal-użu ta' klawżoli inġusti bbażata fuq id-Direttiva 93/13/KEE[28], filwaqt li din il-kawża tikkonċerna azzjoni għal inġunzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali bbażata fuq id-Direttiva 2005/29. Madankollu, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-interpretazzjoni adottata fis-sentenza Henkel[29] fil-kuntest ta' strument ieħor tad-dritt internazzjonali privat tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 864/2007[30], li l-kunċetti tiegħu għandhom ikunu s-suġġett ta' interpretazzjoni koerenti meta mqabbla ma' dik tar-Regolament Nru 1215/2012[31]. B'mod iktar speċifiku, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" "azzjoni għal inġunzjoni [tal-użu ta' klawżoli inġusti] msemmija mid-Direttiva 2009/22/KE [[32]]".

42. F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2009/22, din għandha l-għan li tarmonizza l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali relatati mal-azzjonijiet għal inġunzjoni mmirati lejn il-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi inklużi fid-direttivi elenkati fl-Anness I. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li azzjoni għal inġunzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali fis-sens tad-Direttiva 2005/29 tikkostitwixxi wkoll azzjoni intiża mid-Direttiva 2009/22.

43. Barra minn hekk, ftit li xejn jimporta li kienu l-awtoritajiet pubbliċi li adixxew lill-qorti tar-rinviju bil-kawża prinċipali. Qabel kollox, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/22, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tagħha, il-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi maħtura għal dan il-għan minn Stat Membru jistgħu jiġu aditi b'azzjonijiet għal inġunzjoni mressqa minn "entitajiet kwalifikati", jiġifieri l-ewwel nett korp pubbliku indipendenti wieħed jew iktar, fl-Istati Membri fejn jeżistu dawn il-korpi u/jew it-tieni nett l-organizzazzjonijiet li l-għan tagħhom huwa li jipproteġu l-interessi kollettivi tal-konsumaturi. L-azzjonijiet għal inġunzjoni ta' dawn l-entitajiet jistgħu jservu l-istess għan, jiġifieri l-waqfien ta' ċerti prattiki fl-interess kollettiv tal-konsumaturi. F'dan il-kuntest legali, korp pubbliku indipendenti għalhekk jista' jeżerċita, fil-konfront tal-professjonisti, l-istess rwol bħall-organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, li l-azzjonijiet tagħhom jaqgħu taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali".

44. Sussegwentement, l-Artikolu 11(1)(a) tad-Direttiva 2005/29 jimponi lill-Istati Membri jiżguraw mezzi adegwati u effettivi li jikkumbattu l-prattiki kummerċjali żleali sabiex tiġi infurzata l-osservanza ta' din id-direttiva fl-interess tal-konsumaturi. Dawn il-mezzi għandhom jinkludu dispożizzjonijiet legali li skonthom il-persuni jew l-organizzazzjonijiet li, skont il-liġi nazzjonali, għandhom interess leġittimu li jiġġieldu l-prattiki kummerċjali żleali, inklużi l-kompetituri, jistgħu l-ewwel nett jistitwixxu azzjoni legali kontra tali prattiki kummerċjali żleali, u/jew it-tieni nett iressqu dawn il-prattiki kummerċjali żleali quddiem awtorità amministrattiva li għandha l-kompetenza sabiex tiddeċiedi dwar l-ilmenti jew sabiex tagħti bidu għall-proċeduri ġudizzjarji xierqa. Il-leġiżlatur tal-Unjoni jipprevedi għalhekk, b'mod partikolari, mudell ta' implimentazzjoni tal-protezzjoni tal-konsumaturi li fih

26 Ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2002 (C-167/00, EU:C:2002:555, punt 30).

27 Sentenza tal-1 ta' Ottubru 2002 (C-167/00, EU:C:2002:555).

28 Direttiva tal-Kunsill tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

29 Ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2002 (C-167/00, EU:C:2002:555, punt 29).

30 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) (ĠU 2007, L 199, p. 40).

31 Ara s-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Verein für Konsumenteninformation (C-191/15, EU:C:2016:612, punt 39).

32 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU 2009, L 110, p. 30).

l-awtoritajiet amministrattivi ma għandhomx il-kompetenza sabiex jieħdu konjizzjoni ta' azzjonijiet kontra l-prattiki kummerċjali żleali. Min-naħa l-oħra, dawn l-awtoritajiet għandhom jaġixxu quddiem qrati nazzjonali għad-difiża tal-interess tal-konsumaturi, u dan ipoġġihom fuq l-istess livell mal-persuni jew l-organizzazzjonijiet imsemmija wkoll fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2005/29.

45. Finalment, anki lil hinn mill-kuntest tal-protezzjoni tal-konsumaturi, il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri xi kultant jawtorizzaw lill-awtoritajiet pubbliċi jibdew proċeduri quddiem qrati nazzjonali fl-assenza ta' interess proprju, u dan għad-difiża ta' interess ġenerali, kollettiv jew anki individwali, b'mod partikolari meta tkun involuta persuna rregolata mid-dritt privat li, fil-kuntest ta' tali proċedura, tiġi kkunsidrata bħala parti dgħajfa [33]. Il-fatt li sitwazzjoni tiġi kkunsidrata bħala li hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 inaqqas ir-rwol tal-awtoritajiet pubbliċi fis-sitwazzjonijiet transkonfinali, minkejja l-fatt li tali proċeduri jistgħu jkunu biss diffiċilment distinti minn dawk introdotti minn persuni rregolati mid-dritt privat.

46. Għalhekk, b'kunsiderazzjoni tat-tagħlim stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha dwar il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", awtorità pubblika jew assoċjazzjoni ta' protezzjoni tal-konsumaturi li jibdew azzjoni għal inġunzjoni jinsabu f'pożizzjoni komparabbli ma' dik ta' kwalunkwe persuna kkonċernata. Ċertament, din hija ddispensata mill-obbligu li turi li hija taġixxi fl-interess tagħha stess. Madankollu, minħabba dan il-fatt, hija ma tgawdi mill-ebda prerogattiva li tista' tagħtiha kompetenzi jew setgħat li jiżnaturaw in-natura ċivili jew kummerċjali tar-relazzjoni legali tagħha mal-entitajiet irregolati mid-dritt privat jew li jibdlu s-suġġett tal-kawża li fiha tiġi ppreżentata azzjoni għal inġunzjoni [34]. Hija lanqas ma tgawdi minn tali kompetenzi jew setgħat fir-rigward tal-kuntest proċedurali stabbilit sabiex tittieħed konjizzjoni tal-kawża li toriġina minn dawn ir-relazzjonijiet; fejn dan huwa identiku irrispettivament mill-kwalità tal-partijiet f'din il-proċedura [35].

### *4. Konklużjoni preliminari*

47. Sabiex niġbor fil-qosor din il-parti tal-analiżi tiegħi, nikkunsidra li l-fatt li wieħed jaġixxi fl-interess ġenerali jew fl-interess ta' ħaddieħor ma jeskludix awtomatikament kawża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 [36]. Is-sempliċi fatt li tiġi eżerċitata setgħa jew kompetenza mogħtija direttament minn att leġiżlattiv lanqas ma jimplika awtomatikament tali esklużjoni [37]. Ftit li xejn jimporta li l-possibbiltà li tiġi ppreżentata azzjoni minn awtorità pubblika ma hijiex ikkundizzjonata mill-eżistenza ta' interess proprju. Sabiex kawża tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012, dawn is-setgħat għandhom ikunu eżorbitanti meta mqabbla mar-regoli tad-dritt komuni applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi [38]. Kif jirriżulta mill-analiżi tiegħi, mill-inqas fir-rigward tal-azzjonijiet fil-qasam tal-prattiki kummerċjali żleali, l-eżerċizzju tas-setgħat li huma marbuta mal-aspetti li ma humiex l-interess li fih taġixxi awtorità pubblika, il-*locus standi* u l-ammissibbiltà tal-azzjoni ppreżentata bħala prinċipju ma jikkostitwixxix l-eżerċizzju ta' setgħat eżorbitanti ta' dan it-tip. Konsegwentement, bla ħsara għall-verifiki dwar il-kompetenzi ta' investigazzjoni u ta' eżekuzzjoni li ser nerġa' nirreferi għalihom iktar 'il quddiem, ma hemm xejn li jindika li l-kawża prinċipali tikkonċerna setgħat eżorbitanti.

33 Fis-sistema ġuridika tiegħi, fid-dritt Pollakk, dan huwa l-każ ta' prosekutur li jintervjeni fi proċeduri quddiem qrati ċivili.

34 Ċertament, hija kkontestata l-kwistjoni dwar jekk l-awtoritajiet Belġjani għandhomx kompetenzi ta' investigazzjoni u ta' eżekuzzjoni li jistgħu jitqiesu bħala setgħat eżorbitanti (ara t-Titoli C u D ta' dawn il-konklużjonijiet). B'kunsiderazzjoni ta' dan, anki jekk dawn l-awtoritajiet għandhom tali kompetenzi, dan ma jirriżultax mill-fatt li huma ddispensati mill-obbligu li juru li, permezz ta' azzjoni għal inġunzjoni, huma jiddefendu interess jew dritt li huma tagħhom.

35 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' April 2013, Sapir *et* (C-645/11, EU:C:2013:228, punt 36).

36 Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 Ara l-punt 35 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38 Ara l-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet.

### C. Fuq il-kompetenzi ta' investigazzjoni

48. Fis-sentenza Sunico *et*[39], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar l-effett tal-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' investigazzjoni fuq il-klassifikazzjoni ċivili u kummerċjali ta' kawża. Huwa għalhekk fid-dawl tat-tagħlim mislut minn din is-sentenza, li wieħed jista' jeżamina l-argument ta' waħda mill-konvenuti li skontu l-awtoritajiet Belġjani jistgħu jużaw il-konstatazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tagħhom bħala provi ġuridiċi, b'tali mod li d-dokumenti kruċjali tal-proċess huma kkostitwiti minn sensiela ta' rapporti u ta' konstatazzjonijiet ta' kontrolluri statali. L-awtoritajiet Belġjani jipproduċu wkoll, bħala dokumenti, ilmenti mill-konsumaturi, u jkollhom aċċess għal tali dokumenti peress li huma jirċievu dawn id-dokumenti permezz tas-sit internet/l-indirizz elettroniku tagħhom fil-kwalità tagħhom ta' "awtoritajiet".

#### 1. Is-sentenza Sunico et

49. Fil-kawża li wasslet għas-sentenza Sunico *et*[40], l-awtorità pubblika ta' Stat Membru talbet informazzjoni dwar il-konvenuti mingħand l-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor, konformement mar-Regolament Nru 1798/2003/KE[41], qabel ma adixxiet qorti nazzjonali bl-azzjoni tagħha għall-kumpens għal dannu kkawżat minn frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Huwa f'dan il-kuntest li qamet il-kwistjoni dwar jekk il-fatt li ntalbet tali informazzjoni kellux effett fuq in-natura tar-relazzjonijiet legali bejn il-partijiet fil-kawża, b'tali mod li din il-kawża kienet eskluża mill-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali"[42].

50. Fil-konklużjonijiet tagħha ppreżentati f'din il-kawża[43], l-Avukat Ġenerali Kokott qieset li mill-informazzjoni li kienet tinstab quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma setax jiġi ddeterminat jekk jew sa fejn it-talba għal informazzjoni kienet rilevanti wkoll għall-kawża prinċipali. Issa, l-Avukat Ġenerali enfasizzat li t-talba għal informazzjoni hija strument li ma jistax jirrikorri għalih rikorrent irregolat mid-dritt privat. Konsegwentement, jekk id-dritt proċedurali nazzjonali kien jawtorizza lill-awtorità pubblika tuża din l-informazzjoni u l-provi miksuba permezz tas-setgħat pubbliċi tagħha fil-kuntest ta' din il-kawża, din l-awtorità ma kinitx tkun tista' titqies li hija persuna rregolata mid-dritt privat fil-konfront tal-konvenuti.

51. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, fis-sentenza Sunico *et*[44], li mill-proċess ma kienx jirriżulta li, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, l-awtorità pubblika kinitx għamlet użu minn provi miksuba permezz tas-setgħat pubbliċi tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija l-qorti tar-rinviju li kellha "tivverifika jekk dan kienx il-każ u, jekk ikun il-każ, jekk [din l-awtorità pubblika kinitx tinsab] fl-istess sitwazzjoni bħal individwu tad-dritt privat fil-kuntest tal-azzjoni [tagħha] kontra [l-konvenuti fil-kawża prinċipali]"[45].

52. Għalkemm, f'din is-sentenza, sar riferiment għall-punt preċiż tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, fid-duttrina ġie ddikjarat li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet adottat soluzzjoni inqas kategorika minn dik proposta f'dawn il-konklużjonijiet[46].

39 Sentenza tat-12 ta' Settembru 2013 (C-49/12, EU:C:2013:545).

40 Sentenza tat-12 ta' Settembru 2013 (C-49/12, EU:C:2013:545).

41 Regolament tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2003 dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 218/92 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 392).

42 Ara s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, Sunico *et* (C-49/12, EU:C:2013:545, punt 42).

43 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Sunico *et* (C-49/12, EU:C:2013:231, punt 45).

44 Sentenza tat-12 ta' Settembru 2013 (C-49/12, EU:C:2013:545).

45 Ara s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, Sunico *et* (C-49/12, EU:C:2013:545, punti 42 u 43). Enfasi miżjuda minni.

46 Ara, f'dan is-sens, De Troyer, I., "'De fiscus in burger': nieuwe wegen voor de inning van belastingen in het buitenland?", *Tijdschrift voor fiscaal recht*, 2015, vol. 481, p. 426, punt 10.

53. Nifhem ukoll din is-sentenza fis-sens li, sabiex kawża tiġi eskluża mill-kunċett ta’ “materji ċivili u kummerċjali”, ma huwiex biżżejjed li jiġu identifikati d-dispożizzjonijiet nazzjonali li, *in abstracto*, jawtorizzaw lil awtorità pubblika tikseb provi miksuba permezz tal-prerogattivi tagħha ta’ awtorità pubblika u li tużahom fil-kuntest ta’ kawża. Lanqas ma huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dawn il-provi ntużaw f’din il-kawża. Sabiex din il-kawża tiġi eskluża minn dan il-kunċett, għandu jiġi ddeterminat ukoll jekk, *in concreto*, minħabba l-użu ta’ dawn il-provi, l-awtorità pubblika kinitx tinsab fl-istess sitwazzjoni bħal persuna rregolata mid-dritt privat fil-kuntest ta’ kawża analoga.

*2. Applikazzjoni tat-tagħlim mislut mis-sentenza Sunico et*

54. Qabel kollox għandu jiġi ċċarat li l-fatt li l-awtoritajiet Belġjani pproduċew ilmenti mill-konsumaturi bħala provi ma jimplikax li dawn l-awtoritajiet kienu qegħdin ipoġġu ruħhom f’sitwazzjoni differenti meta mqabbla ma’ dik ta’ persuna rregolata mid-dritt privat fil-kuntest ta’ kawża analoga. Fil-fatt, għalkemm assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumaturi hija organu rregolat mid-dritt privat u ma teżerċitax prerogattivi ta’ awtorità pubblika, hija tista’ tiġbor tali lmenti u tużahom f’kawżi kontra l-professjonisti.

55. Madankollu jista’ jqajjem dubji f’dan il-kuntest il-fatt li awtorità pubblika għandha kompetenzi ta’ investigazzjoni, fis-sens strett tal-kelma, u dan jippermetti lil din l-awtorità tikseb provi b’mod analogu għall-awtoritajiet tal-pulizija. Nikkunsidra li r-rikors għal tali kompetenzi jimplika l-eżerċizzju ta’ prerogattivi ta’ awtorità pubblika. Kawża kontra awtorità pubblika li fiha l-vittma titlob kumpens għad-dannu kkawżat mill-ġbir ta’ provi ma taqax, bħala prinċipju, taħt ir-Regolament Nru 1215/2012 peress li dan jirrigwarda responsabbiltà għal atti jew ommissjonijiet imwettqa fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika.

56. Madankollu, l-użu ta’ provi miġbura permezz tal-prerogattivi ta’ awtorità pubblika fil-kuntest ta’ kawża ma jaffettwax awtomatikament ir-relazzjoni legali bejn il-partijiet f’din il-kawża u lanqas is-suġġett tagħha.

57. Fil-fatt, persuna rregolata mid-dritt privat tista’ tuża wkoll provi li tkun ġabret awtorità pubblika permezz tal-prerogattivi tagħha ta’ awtorità pubblika. Pereżempju, f’kawża kontra l-awtur ta’ inċident fit-triq, il-vittma ta’ dan l-inċident tista’ tipproduċi dokumenti stabbiliti minn awtorità tal-pulizija. Jekk din il-vittma ma jkollhiex tali dokumenti, hija tista’ bħala prinċipju titlob lil qorti nazzjonali sabiex awtorità tiġi obbligata tipproduċi dawn id-dokumenti għall-finijiet ta’ din il-kawża. Bl-istess mod, operatur tas-suq jista’ jressaq kawża fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni li fil-kuntest tagħha jippreżenta azzjoni follow-on, li insostenn tagħha huwa jinvoka deċiżjoni li tikkonstata ksur tad-dispożizzjonijiet ta’ dan id-dritt[47]. Huwa evidenti li tali kawżi jżommu n-natura ċivili u kummerċjali tagħhom u jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 1215/2012.

58. Il-fatt li dokument stabbilit minn awtorità pubblika fil-kuntest tas-setgħat tagħha jkollu valur probatorju speċjali, ma jqajjimx dubju dwar din l-evidenza. Fil-fatt, huma wkoll ir-regoli applikabbli fil-kawżi bejn persuni rregolati mid-dritt privat li jagħtu tali valur lil ċerti kategoriji ta’ provi.

59. Barra minn hekk, il-fatt li jiġi kkunsidrat li kawża mressqa minn awtorità pubblika hija eskluża mill-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 minħabba li din l-awtorità użat provi miġbura permezz tal-prerogattivi tagħha, idgħajjef l-effikaċja prattika ta’ wieħed mill-mudelli ta’ implimentazzjoni tal-protezzjoni tal-konsumaturi rrikonoxxuti mil-leġiżlatur tal-Unjoni[48]. F’dan il-mudell, b’differenza mill-mudell li fih hija l-awtorità amministrattiva stess li tiddeċiedi dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu minn ksur, awtorità amministrattiva hija responsabbli mid-difiża tal-interess tal-konsumaturi quddiem il-qrati nazzjonali.

47 Ara, bħala eżempju ta’ din l-ipoteżi, is-sentenza tal-21 ta’ Mejju 2015, CDC Hydrogen Peroxide (C-352/13, EU:C:2015:335, punt 10).

48 Ara l-punt 44 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

60. B'kunsiderazzjoni ta' dan, awtorità pubblika jista' jkollha setgħat li jippermettulha tuża provi filwaqt li teskludi kull persuna rregolata mid-dritt privat. Pereżempju, id-dritt nazzjonali jista' jipprevedi li l-provi miġbura minn awtorità jkunu kunfidenzjali u li hija din l-awtorità li tiddeċiedi dwar l-iżvelar eventwali tagħhom. Bl-istess mod, skont id-dritt nazzjonali proċedurali, jistgħu jiġu applikati modalitajiet differenti fir-rigward tal-kontestazzjoni mill-parti l-oħra fil-kawża tal-istess provi meta dawn jiġu prodotti minn awtorità pubblika u minn persuna rregolata mid-dritt privat.

61. Huma sitwazzjonijiet li, fl-opinjoni tiegħi, jikkorrispondu għal dik prevista fis-sentenza Sunico *et*[49], jiġifieri dik fejn, minħabba l-użu ta' ċerti provi, awtorità pubblika ma tinsabx fl-istess sitwazzjoni bħal persuna rregolata mid-dritt privat fil-kuntest ta' kawża analoga. Issa, ma hemm xejn li jindika li fil-kawża prinċipali tidher sitwazzjoni li tista' teskludi l-kawża prinċipali mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

62. Għal finijiet ta' kompletezza, ma għandux jintesa li s-sitwazzjoni prevista fis-sentenza Sunico *et*[50] kienet tikkonċerna ċirkustanzi li fihom kawża li taqa' *a priori* taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" kienet eskluża minħabba l-użu ta' ċerti provi minn waħda mill-partijiet f'din il-kawża. Issa, jien tal-opinjoni li, fil-maġġoranza tal-każijiet, il-fatt li ċerti provi huma disponibbli biss għal awtorità pubblika jirriżulta mill-fatt li r-relazzjoni bejn din l-awtorità u persuna ma tixbahx, *ab initio*, relazzjoni bejn individwi.

## *D. Fuq il-kompetenzi fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni*

63. Permezz tar-raba' kap tat-talba tagħhom, l-awtoritajiet Belġjani talbu lill-qorti tar-rinviju timponi pagamenti ta' penalità ta' ammont speċifikat għal kull ksur ikkonstatat min-notifika tad-deċiżjoni ġudizzjarja mogħtija fi tmiem il-kawża prinċipali. Permezz tal-ħames kap tat-talba tagħhom, dawn l-awtoritajiet talbu wkoll li jiġi deċiż li l-ksur ikun jista' jiġi kkonstatat permezz ta' sempliċi proċess verbali redatt minn uffiċjal li ħa l-ġurament. Dan l-aħħar kap tat-talba, skont waħda mill-konvenuti, jimplika li, anki fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni, l-awtoritajiet Belġjani għandhom kompetenzi li ma għandha l-ebda waħda mill-partijiet abitwali f'kawżi f'materji ċivili jew kummerċjali.

64. Min-naħa l-oħra, la l-qorti tar-rinviju u lanqas il-partijiet ma jesprimu dubji dwar jekk it-talba dwar pagamenti ta' penalità dovuti għal ksur fil-futur tistax teskludi l-kawża prinċipali kif ukoll id-deċiżjoni mogħtija fi tmiem din il-kawża, mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012. Issa, il-kap tat-talba dwar pagamenti ta' penalità huwa marbut ma' dak li jirrigwarda l-konstatazzjoni ta' ksur fil-futur permezz ta' sempliċi proċess verbali. Qabel kollox ser nanalizza l-kwistjoni dwar jekk kawża li fil-kuntest tagħha jintalbu tali pagamenti ta' penalità taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

### *1. Pagamenti ta' penalità għal ksur fil-futur*

65. Mis-sentenza Realchemie Nederland[51] jirriżulta li l-appartenenza għall-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 ta' deċiżjoni ġudizzjarja dwar multa imposta għal ksur tal-projbizzjoni mogħtija f'deċiżjoni ġudizzjarja oħra hija ddeterminata, mhux min-natura ta' din il-miżura stess, iżda min-natura tad-drittijiet li tagħhom tiżgura s-salvagwardja. Billi segwiet l-istess raġunament fis-sentenza Bohez[52], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, minħabba n-natura tad-drittijiet li tagħhom il-pagamenti ta' penalità jiżguraw is-salvagwardja, ma taqax taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u

49 Sentenza tat-12 ta' Settembru 2013 (C-49/12, EU:C:2013:545).
50 Sentenza tat-12 ta' Settembru 2013 (C-49/12, EU:C:2013:545).
51 Ara s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2011 (C-406/09, EU:C:2011:668, punti 40 sa 42 u 44).
52 Ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2015 (C-4/14, EU:C:2015:563, punti 33, 37 u 39).

kummerċjali", fis-sens tar-regolament li ppreċeda r-Regolament Nru 1215/2012, l-eżekuzzjoni ta' pagamenti ta' penalità ordnati f'deċiżjoni dwar id-dritt ta' kustodja u d-dritt ta' aċċess sabiex jiġi żgurat ir-rispett ta' dan id-dritt ta' aċċess mid-detentur tad-dritt ta' kustodja. Skont din is-sentenza, tali eżekuzzjoni taqa', min-naħa l-oħra, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003[53].

66. Ċertament, il-linja ġurisprudenzjali li fiha jaqgħu dawn is-sentenzi ġiet żviluppata fil-parti l-kbira fil-kuntest tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari dwar il-miżuri kawtelatorji[54] jew provviżorji[55] koperti minn deċiżjoni separata li ntalbet l-eżekuzzjoni tagħha[56] jew dwar tali miżuri mitluba fi proċeduri għal miżuri provviżorji separati[57]. Min-naħa l-oħra, minn dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma jirriżultax b'mod espliċitu li, f'dan il-każ, din hija miżura kawtelatorja jew provviżorja.

67. Madankollu, f'dan il-kuntest, għandha ssir distinzjoni mis-sentenza Bohez[58], li fiha qamet il-kwistjoni tal-irkupru ta' pagamenti ta' penalità, ordnata mill-qorti tal-Istat Membru ta' oriġini li ddeċidiet fuq il-mertu dwar id-dritt ta' aċċess għall-finijiet li tiġi żgurata l-effettività ta' dan id-dritt. Dawn il-pagamenti ta' penalità kienu jikkorrispondu għal somma speċifika li kellha titħallas għal kull ġurnata li fiha l-wild ma jitteħidx għall-aċċess.

68. Għandi nosserva li l-awtoritajiet Belġjani jidhru li qegħdin iressqu talba analoga fil-kawża prinċipali. Il-qorti tar-rinviju ċertament ma tagħtix indikazzjonijiet supplimentari fir-rigward tal-kap tat-talba dwar il-pagamenti ta' penalità. Fir-rigward tal-Gvern Belġjan, huwa jispjega li dawn il-pagamenti ta' penalità huma applikabbli biss fir-rigward tal-ksur iddefinit mill-qorti nazzjonali fi tmiem il-kawża prinċipali. Mill-formulazzjoni tal-kap tat-talba dwar pagamenti ta' penalità jirriżulta wkoll li dawn għandhom l-għan li jiggarantixxu l-effettività tad-deċiżjoni ġudizzjarja mitluba mill-awtoritajiet Belġjani sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċerna l-waqfien tal-prattiki tas-suq u/jew tal-prattiki kummerċjali żleali.

69. Barra minn hekk, il-code judiciaire belge (il-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan) fih Kapitolu XXIII, intitolat "Pagamenti ta' penalità", li taħtu l-Artikolu 1385a jipprovdi li l-qorti tista', fuq talba ta' parti, tikkundanna lill-parti l-oħra, fil-każ li l-kundanna prinċipali ma tkunx issodisfatta, għall-ħlas ta' somma flus, imsejħa pagamenti ta' penalità, bla ħsara għad-danni, jekk ikun hemm lok. Skont l-Artikolu 1385b ta' dan il-kodiċi, il-qorti tista' tiffissa l-pagamenti ta' penalità, b'mod partikolari, għal somma ddeterminata għal kull ksur. Għalkemm il-qorti tar-rinviju ma tindikax jekk it-talba tal-awtoritajiet Belġjani hijiex ibbażata fuq din id-dispożizzjoni, jidher li l-kontenut tagħha jikkorrispondi perfettament għal dak li jitolbu dawn l-awtoritajiet. Is-sentenza Bohez[59] hija għalhekk iktar importanti fir-rigward ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari: il-pagamenti ta' penalità msemmija f'din is-sentenza kienu ġew imposti fuq il-bażi tal-Artikolu 1385a tal-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan.

53 Regolament tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU 2013, L 82, p. 63).

54 Ara s-sentenza tas-27 ta' Marzu 1979, de Cavel (C-143/78, EU:C:1979:83, punt 2), iċċitata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2011, Realchemie Nederland (C-406/09, EU:C:2011:668).

55 Ara s-sentenza tas-17 ta' Novembru 1998, Van Uden (C-391/95, punt 33) iċċitata wkoll mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2011, Realchemie Nederland (C-406/09, EU:C:2011:668).

56 Ara s-sentenzi tas-27 ta' Marzu 1979, de Cavel (C-143/78, EU:C:1979:83, punt 2), u tat-18 ta' Ottubru 2011, Realchemie Nederland (C-406/09, EU:C:2011:668, punt 35).

57 Ara s-sentenza tas-17 ta' Novembru 1998, Van Uden (C-391/95, punt 33).

58 Ara, ukoll, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2015, Bohez (C-4/14, EU:C:2015:563, punt 49).

59 Sentenza tad-9 ta' Settembru 2015 (C-4/14, EU:C:2015:563). Fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan, ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Bohez (C-4/14, EU:C:2015:233, punt 42 u d-duttrina ċċitata).

70. Jista' jiġi invokat, b'kunsiderazzjoni tal-linja ġurisprudenzjali li tagħmel parti minnha s-sentenza Bohez[60] li, għalkemm kawża li fil-kuntest tagħha l-awtoritajiet jitolbu, minn naħa, il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' prattiki tas-suq u/jew ta' prattiki kummerċjali żleali, u, min-naħa l-oħra, il-fatt li jiġi ordnat il-waqfien ta' dawn il-prattiki taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", din il-kawża tkompli taqa' taħt dan il-kunċett ukoll meta jintalbu pagamenti ta' penalità sabiex tiġi żgurata l-osservanza tad-deċiżjoni ġudizzjarja mogħtija fi tmiemha.

71. Ċertament, ma għandhiex tintesa l-ipoteżi, imsemmija fil-punt 22 ta' dawn il-konklużjonijiet, li skontha kawża hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 minħabba l-bażi tal-azzjoni ppreżentata fil-kuntest ta' din il-kawża jew tal-modalitajiet ta' eżerċizzju tagħha. Madankollu, mill-Artikolu 1385a tal-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan jirriżulta li l-pagamenti ta' penalità mitluba mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru quddiem il-qorti tar-rinviju jidhru li jikkostitwixxu miżura konvenzjonali tal-proċedura ċivili, disponibbli wkoll għall-individwi. Konsegwentement, la l-fatt li titressaq talba għall-impożizzjoni ta' tali pagamenti ta' penalità u lanqas il-fatt li tintalab l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tilqa' din it-talba ma jikkostitwixxu l-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika.

72. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, azzjoni li permezz tagħha awtoritajiet pubbliċi jitolbu li jiġu imposti pagamenti ta' penalità ta' ammont speċifiku għal kull ksur ikkonstatat min-notifika tad-deċiżjoni ġudizzjarja taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" meta, fl-ewwel lok, dawn il-pagamenti ta' penalità għandhom l-għan li jiggarantixxu l-effettività tad-deċiżjoni ġudizzjarja mogħtija fil-kawża li taqa' taħt dan il-kunċett u li, fit-tieni lok, l-imsemmija pagamenti ta' penalità jikkostitwixxu miżura konvenzjonali tal-proċedura ċivili, li hija disponibbli wkoll għall-individwi jew li l-eżerċizzju tagħha ma jinvolvix setgħat eżorbitanti meta mqabbla mar-regoli tad-dritt komuni applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi[61].

*2. Il-konstatazzjoni tal-ksur minn awtorità amministrattiva*

73. Il-qorti tar-rinviju ma tipproduċix informazzjoni ddettaljata dwar l-aspetti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' dubji fir-rigward tal-ħames kap tat-talba, dwar il-konstatazzjoni ta' ksur fil-futur permezz ta' sempliċi proċess verbali redatt minn uffiċjal li ħa l-ġurament. Konsegwentement, sabiex tingħata risposta utli lil din il-qorti, ser nagħmel, fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet tal-partijiet, xi osservazzjonijiet ġenerali fir-rigward ta' dan il-kap tat-talba.

74. Il-ħames kap tat-talba tal-awtoritajiet Belġjani jidher li għandu l-għan li jippermettilhom jikkonstataw huma stess il-ksur issanzjonat permezz tal-pagamenti ta' penalità, mingħajr ma huwa neċessarju li jsir rikors għal uffiċjal ġudizzjarju jew għal mezzi oħra għal dan il-għan. Bl-istess mod, il-Gvern Belġjan indika, waqt is-seduta, li jekk il-qorti nazzjonali tiċħad il-ħames kap tat-talba, l-awtoritajiet Belġjani għandhom jirrikorru għas-servizzi ta' uffiċjal ġudizzjarju sabiex jipproċedu għal tali konstatazzjonijiet. Bl-istess mod, il-konvenuti jsostnu li, għall-kuntrarju ta' awtorità Belġjana, persuna rregolata mid-dritt privat għandha, pereżempju, tirrikorri għas-servizzi ta' uffiċjal ġudizzjarju u għandha, jekk ikun il-każ, turi l-ksur quddiem il-qorti adita.

60 Sentenza tas-9 ta' Settembru 2015 (C-4/14, EU:C:2015:563).

61 Għalkemm la l-qorti tar-rinviju u lanqas il-partijiet ma jesprimu dubji fir-rigward tal-miżuri ta' pubblikazzjoni, għal finijiet ta' kompletezza, ninnota li dawn lanqas ma huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012. Fil-fatt, dawn huma previsti, b'mod partikolari, fit-tieni punt tal-Artikolu 14(1) tal-Liġi tat-30 ta' Lulju 2013 u jidhru li jikkostitwixxu miżura konvenzjonali tal-proċedura ċivili aċċessibbli għall-individwi. Il-kawża li fiha jintalbu tali miżuri għalhekk bl-ebda mod ma tikkonċerna l-eżerċizzju ta' setgħat eżorbitanti meta mqabbla mar-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi. Barra minn hekk, għalkemm dawn il-miżuri huma distinti minn pagamenti ta' penalità, huma intiżi sabiex jiżguraw l-effikaċja ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tikkonstata prattiki kummerċjali żleali. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2005/29 jipprevedi li, bil-ħsieb li jeliminaw l-effetti kontinwi ta' prattiki li l-waqfien tagħhom ġie ordnat permezz ta' deċiżjoni definittiva, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li tiġi meħtieġa l-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni jew ta' dikjarazzjoni rettifikattiva. Ma hemm xejn li jindika li dawn huma miżuri rriżervati għall-awtoritajiet pubbliċi.

75. Infakkar li, fis-sentenza Henkel[62], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li azzjoni għal inġunzjoni ppreżentata minn assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumaturi kienet taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", minħabba li din l-azzjoni kienet intiża sabiex tissuġġetta għall-istħarriġ tal-qorti r-relazzjonijiet tad-dritt privat. Issa, mill-osservazzjonijiet tal-partijiet ippreżentati fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li, permezz tal-ħames kap tat-talba, l-awtoritajiet Belġjani jixtiequ jingħataw il-kompetenza li jistabbilixxu l-eżistenza ta' ksur fil-futur. Dan il-kap tat-talba, intiż għalhekk, essenzjalment, sabiex jissuġġetta għall-kontroll ta' dawn l-awtoritajiet ir-relazzjonijiet legali li fihom huma involuti l-konvenuti, jikkonċerna għaldaqstant l-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika.

76. Barra minn hekk, skont l-Artikolu XV.2 taċ-CDE, il-proċessi verbali stabbiliti minn uffiċjali huma validi sakemm ma tingħatax prova kuntrarja. Dokument redatt minn persuna rregolata mid-dritt privat ma jibbenefikax minn tali valur probatorju. Għalhekk, għalkemm jidher li dawn il-proċessi verbali jistgħu jintużaw fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni, il-fatt li dawn jiġu redatti pjuttost jammonta għal ġbir ta' provi. Kif indikajt fil-punt 55 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-eżerċizzju ta' kompetenzi fil-qasam tal-ġbir ta' provi, li jimplikaw ir-rikors għal setgħat eżorbitanti meta mqabbla mar-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi, ifisser li jiġu eżerċitati prerogattivi ta' awtorità pubblika. Dan japplika wkoll, b'mod partikolari, meta awtorità pubblika teżerċita kompetenza li permezz tagħha hija tfittex li tissostitwixxi ruħha b'uffiċjal ġudizzjarju, billi tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur permezz ta' dokument redatt minnha. Kawża intiża sabiex jinkiseb l-għoti ta' din il-kompetenza tirrigwarda setgħat eżorbitanti meta mqabbla mar-regoli tad-dritt komuni applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi, b'tali mod li s-suġġett ta' din il-kawża ma jippermettix li jiġi sostnut li din taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali".

77. Ma għandux jiġi eskluż li l-għoti ta' tali ġurisdizzjoni jsaħħaħ l-effikaċja ta' deċiżjoni ġudizzjarja mogħtija fi tmiem kawża li taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali". Madankollu, il-ħames kap tat-talba la jikkonċerna miżura kawtelatorja jew provviżorja u lanqas miżura li tiġi analizzata bħala l-kundanna ta' parti fil-kawża għall-ħlas ta' multa[63] jew ta' pagamenti ta' penalità[64] li l-appartenenza tagħhom għall-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 tiddependi min-natura tad-drittijiet li tagħhom dan id-dritt jew din il-miżura jiżguraw is-salvagwardja.

## *E. Kunsiderazzjonijiet finali*

78. Mill-analiżi tiegħi jirriżulta li, l-ewwel nett, il-partikolaritajiet dwar l-interess ta' awtorità pubblika li tippreżenta azzjoni ma jistgħux jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 1215/2012 il-kawża bħal dik fil-kawża prinċipali[65]. It-tieni nett, il-fatt li din l-awtorità għandha kompetenzi ta' investigazzjoni li ma jibbenefikawx minnhom il-persuni rregolati mid-dritt privat u tuża provi miġbura permezz ta' dawn il-kompetenzi lanqas ma jeskludi awtomatikament din il-kawża mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 1215/2012[66]. It-tielet nett, l-imsemmija kawża hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament sa fejn din tikkonċerna azzjoni li permezz tagħha awtoritajiet pubbliċi jitolbu li jingħataw setgħat eżorbitanti meta mqabbla mar-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi, jiġifieri li jkunu awtorizzati jikkonstataw l-eżistenza ta' ksur[67].

62 Ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2002 (C-167/00, EU:C:2002:555, punt 30).

63 Ara s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2011, Realchemie Nederland (C-406/09, EU:C:2011:668, punt 44).

64 Ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2015, Bohez (C-4/14, EU:C:2015:563, punt 35).

65 Ara l-punt 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

66 Ara l-punti 60 sa 61 ta' dawn il-konklużjonijiet.

67 Ara l-punti 75 u 77 ta' dawn il-konklużjonijiet.

79. Irrid nippreċiża wkoll li għalkemm il-kawża prinċipali ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012 fir-rigward tal-ħames kap tat-talba, madankollu din ma hijiex eskluża fir-rigward tal-kapijiet l-oħra tat-talba[68].

## V. Konklużjoni

80. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti r-risposta li ġejja għad-domanda preliminari magħmula mill-hof van beroep te Antwerpen (il-Qorti tal-Appell ta' Antwerpen, il-Belġju):

L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li kawża dwar azzjoni li ġiet ippreżentata, minn awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru, kontra persuni rregolati mid-dritt privat stabbiliti fi Stat Membru ieħor u intiża sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' ksur li jikkostitwixxi prattiki kummerċjali żleali, sabiex jiġi ordnat il-waqfien tagħhom, sabiex jiġu ordnati miżuri ta' pubblikazzjoni għall-ispejjeż tal-konvenuti u sabiex jiġu imposti pagamenti ta' penalità ta' ammont speċifiku għal kull ksur fil-futur taqa' taħt "materji ċivili u kummerċjali" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Min-naħa l-oħra, tali kawża ma taqax taħt dan il-kunċett sa fejn tikkonċerna azzjoni li permezz tagħha awtoritajiet pubbliċi jitolbu li jingħataw setgħat eżorbitanti meta mqabbla mar-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn individwi.

68 Fil-fatt, mis-sentenza tal-21 ta' April 1993, Sonntag (C-172/91, EU:C:1993:144, punti 6, 14 sa 16 u 21) jista' jiġi dedott li r-Regolament Nru 1215/2012 japplika wkoll għad-deċiżjonijiet mogħtija f'materji ċivili minn qorti kriminali, li fihom dispożizzjonijiet kriminali u ċivili. F'dan il-każ, huma biss id-dispożizzjonijiet ċivili li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, skont il-qari tiegħi tas-sentenza tas-27 ta' Frar 1997, van den Boogaard (C-220/95, EU:C:1997:91, punt 21) huwa possibbli wkoll li huma biss ċerti aspetti ta' deċiżjoni mogħtija minn qorti ċivili li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament. Bħala prinċipju, l-istess għandu japplika fir-rigward tas-sitwazzjoni li fiha ċerti aspetti biss ta' kawża jaqgħu taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali".